



# TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

## GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

### **Integrazzjoni tas-suq intern tal-elettriku**

L-arkitettura legali kumplessa, id-dewmien, id-dgħufijiet fil-governanza u s-sorveljanza inkompleta tas-suq ixekklu l-kisba sħiħa tal-objettiv ambizzjuż

# Werrej

I. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI FIL-QOSOR.....	3
II. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET PRINĊIPALI TAL-QEA.....	4
1. Qafas regolatorju għall-integrazzjoni tas-swieq tal-elettriku tal-UE.....	4
2. L-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju.....	5
3. Implimentazzjoni tar-REMIT mill-ACER.....	7
III. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-QEA.....	7
Rakkomandazzjoni 1 — Is-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju.....	7
Rakkomandazzjoni 2 – Tisħiħ tal-qafas ta’ monitoraġġ għal-linji gwida tan-netwerk.....	8
Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 2b.....	9
It-tibdil tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2013 tal-14 ta’ Ġunju 2013 dwar is-sottomissjoni u l-pubblikazzjoni ta’ data fis-swieq tal-elettriku jirrikjedi l-adozzjoni ta’ Att ta’ Implimentazzjoni skont il-proċedura ta’ eżami, bil-proċess jibda biss wara r-rieżami .....	9
Rakkomandazzjoni 3 – Tisħiħ tas-sorveljanza tal-ACER tal-integrità tas-swieq bl-ingrossa .....	9
Rakkomandazzjoni 4 – Tħaffif tal-użu tat-tariffi tar-REMIT biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fis-sorveljanza tas-suq tal-ACER .....	9
Rakkomandazzjoni 5 — Tisħiħ tal-governanza tal-ACER.....	9
Rakkomandazzjoni 6 – Titjib tat-trasparenza u tal-obbligu ta’ rendikont tal-ACER.....	9
Rakkomandazzjoni 7 – Valutazzjoni tal-ħtieġa ta’ qafas għall-applikazzjoni konsistenti tal-penali .....	10

Dan id-dokument jippreżenta t-tweġibiet tal-Kummissjoni Ewropea għall-osservazzjonijiet ta' Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, f'konformità mal-Artikolu 259 tar-[Regolament Finanzjarju](#) u li għandhom jiġu ppubblikati flimkien mar-Rapport Speċjali.

# I. IT-TWEGĪBIET TAL-KUMMISSJONI FIL-QOSOR

Matul l-aħħar għaxar snin, l-isforzi ewlenin li saru mill-Unjoni Ewropea biex tkompli tintegra s-swieq tal-elettriku fl-Ewropa u tagħti spinta lill-kummerċ transfruntier wasslu għal benefiċċji sinifikanti għaċ-ċittadini u l-konsumaturi tal-UE. Dawn il-benefiċċji huma stmati mill-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) li jammontaw għal madwar EUR 34 biljun fis-sena, billi jippermettu l-kummerċ transfruntier bejn l-Istati Membri u jtejbu s-sigurtà tal-provvista f'żona ġeografika akbar<sup>1</sup>. Filwaqt li l-kriżi tal-enerġija attwali wriet dgħufijiet fid-disinn tas-suq tal-elettriku, uriet ukoll li l-eżistenza ta' suq integrat għenet biex jiġu evitati tnaqqis jew qtugħ tal-elettriku f'ċerti reġjuni, peress li ppermettiet li l-elettriku prodott f'żona ġeografika kbira jgħaddi lejn fejn ikun meħtieġ.

L-akkoppjament tas-swieq<sup>2</sup>, li jfisser li l-elettriku u l-kapaċitajiet tal-interkonnettur għat-trasport tiegħu jistgħu jiġu nnegożjati faċilment fuq pjattaforma komuni ta' negozjar tal-UE, komplew jitjebu, kemm fis-swieq ta' ġurnata bil-quddiem kif ukoll f'dawk tal-istess ġurnata. Il-Kummissjoni tqis li mill-2022, l-akkoppjament tas-suq ta' ġurnata bil-quddiem ġie implimentat b'suċċess fil-fruntieri kollha bejn l-Istati Membri tal-UE. Dan sar possibbli mhux l-inqas minħabba l-kodiċijiet tan-netwerk u l-linji gwida, ir-Regolamenti tal-Kummissjoni adottati abbażi tas-setgħat fir-Regolament (KE) Nru 714/2009 dwar l-Elettriku (issa r-Regolament (UE) 2019/943) u żviluppata f'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjoni tal-operaturi tas-sistema Ewropea ta' trażmissjoni tal-elettriku (ENTSO-E), u l-ACER. Din il-kooperazzjoni mill-qrib mhijiex biss kruċjali minħabba l-ħtieġa li jsir użu mill-għarfien espert disponibbli fis-settur, iżda wkoll biex tinkiseb "sjieda" tar-regoli mill-partijiet ikkonċernati ewlenin, peress li dan jiffaċilita l-implimentazzjoni tar-regoli. Għall-istess raġunijiet, l-ENTSO-E, l-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri għall-enerġija u l-ACER huma kollha involuti fl-iżvilupp ta' regoli vinkolanti u dettaljati addizzjonali skont ċerti linji gwida dwar l-elettriku.

L-objettiv stabbilit mill-Kunsill Ewropew biex titlesta l-integrazzjoni tas-suq intern tal-enerġija sal-2014<sup>3</sup> għadu ma ntlaħaqx kompletament. Minkejja dan il-qbil politiku mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-Istati Membri kollha tal-UE, iċ-ċirkostanzi u l-interessi nazzjonali jvarjaw, u dan jagħmel il-kompromessi meħtieġa meta wieħed jipprova jaqbel dwar titjib fil-qafas regolatorju tal-UE. Bħala eżempju, ir-Regolament (UE) 2019/943 dwar l-Elettriku riformulat jista' jiġi miftiehem biss billi l-Istati Membri jingħataw aktar żmien biex jadattaw l-istruttura tas-swieq tagħhom (żoni tal-offerti) għar-realtajiet fiżiċi (kapaċitajiet tan-netwerk disponibbli).

Minkejja l-progress kbir li sar s'issa, l-integrazzjoni<sup>4</sup> tas-swieq Ewropej tal-elettriku huwa għalhekk proċess kontinwu, anke peress li sfidi ġodda bħall-kriżi attwali tal-enerġija jitolbu tweġibiet ġodda. L-isforzi biex jiġi ottimizzat il-funzjonament tad-disinn tas-suq tal-elettriku ma għandhomx inaqqsu l-isforzi biex jiġi implimentat il-qafas eżistenti. Dan jinkludi t-titjib tad-drittijiet tal-konsumatur, il-ħidma lejn il-mira li fl-2025 mill-inqas 70 % tal-kapaċitajiet tal-interkonnetturi jkunu disponibbli għall-kummerċ, l-istrutturar tas-suq sabiex jipprovdi s-sinjali t-tajba għal fejn ikun meħtieġ l-investment, kif ukoll l-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni tad-distorsjonijiet u l-fallimenti tas-suq. Dan huwa evidenzjat b'mod ċar fir-rapport tal-2022 dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija adottat fit-18 ta' Ottubru 2022.

<sup>1</sup> Ara s-sommarju eżekuttiv ta' § u § 38 tal-Osservazzjonijiet tar-rapport tal-QEA.

<sup>2</sup> Ara s-sommarju eżekuttiv ta' § 34, 35, 37, 42 tal-Osservazzjonijiet tar-rapport tal-QEA.

<sup>3</sup> Ara § 23 tal-ambitu u l-approċċ tal-awditjar u l-paragrafi 33 u 37 tal-osservazzjonijiet tar-rapport tal-QEA.

<sup>4</sup> Ara § 27 tal-ambitu u l-approċċ tal-awditjar u l-paragrafi 40 u 97 tal-osservazzjonijiet tar-rapport tal-QEA.

## II. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET PRINĊIPALI TAL-QEA

### 1. Qafas regolatorju għall-integrazzjoni tas-swieq tal-elettriku tal-UE

Is-swieq Ewropej tal-elettriku huma rregolati fil-livell tal-UE minn sett komprensiv ta' leġiżlazzjoni tal-UE, li ġiet aġġornata progressivament fuq aktar minn 20 sena. Pass importanti kien ir-Regolament (KE) Nru 714/2009 li introduċa kodiċijiet u linji gwida tan-netwerk tal-elettriku, li huma Regolamenti tal-Kummissjoni, żviluppata f'kooperazzjoni mal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni (TSOs) u l-ACER. Dawn il-kodiċijiet u l-linji gwida tan-netwerk tal-elettriku jistabbilixxu regoli tekniċi vinkolanti meħtieġa biex jiffaċilitaw il-flussi u l-kummerċ transfruntiera tal-elettriku, u b'hekk jikkomplementaw u jsaħħu r-regoli li jirregolaw in-networks u s-swieq Ewropej tal-elettriku.

Il-Kummissjoni temmen li l-approċċ leġiżlattiv magħżul ikkontribwixxa għat-titjib tal-funzjonament tas-swieq tal-elettriku tal-UE u għat-trawwim tal-integrazzjoni tas-suq. Il-konklużjonijiet mill-ħuqa mill-QEA huma bbażati fuq indikaturi bħall-konverġenza tal-prezzijiet bejn iż-żona tal-offerti jew il-volum tal-kummerċ transfruntier. Il-Kummissjoni tqis li l-konverġenza tal-prezzijiet mhijiex objettiv fiha nnifisha peress li tkun tirrikjedi investiment żejjed fl-infrastruttura tan-netwerk<sup>5</sup>.

L-aħħar reviżjoni tas-sett ta' leġiżlazzjoni tal-UE saret mill-2016 sal-2019 li rriżultat b'mod partikolari fir-riformulazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/944 dwar l-Elettriku, ir-Regolament (UE) 2019/943 dwar l-Elettriku mfassal mill-ġdid u r-riformulazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/942 dwar l-ACER. B'riżultat tan-negozjati interistituzzjonali mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, dawk ir-riformulazzjonijiet ġabu dispożizzjonijiet ewlenin minn kodiċijiet tan-netwerk u linji gwida (Regolamenti tal-Kummissjoni) fil-liġi sekondarja tal-UE (adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill), pereżempju regoli ewlenin dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-kummerċ tal-kapaċitajiet tal-interkonnetturi transfruntiera. F'din it-tweġiba, il-Kummissjoni tiffoka fuq l-erba' linji gwida dwar l-elettriku<sup>6</sup>, li jirriflettu l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli rilevanti tal-UE meħuda mill-QEA.

Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza li l-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE jeħtieġ li titqies fl-intier tagħha, u mhux biss fir-rigward ta' dawk l-erba' linji gwida dwar l-elettriku. Pereżempju, fin-negozjati interistituzzjonali dwar il-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa l-koleġiżlaturi ddeċidew li jinkludu regoli ewlenin rilevanti għar-rieżami tal-konfigurazzjoni taż-żona tal-offerti fir-Regolament (UE) 2019/943 dwar l-Elettriku<sup>7</sup>. Għalhekk, il-proċess għar-rieżami taż-żona tal-offerti jeħtieġ li jitqies integralment flimkien mar-regoli rilevanti dwar il-konfigurazzjoni taż-żona tal-offerti fl-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni (CACM). Il-Kummissjoni tqis li l-fattur ewlieni għan-nuqqas ta' konverġenza tal-prezzijiet bejn iż-żoni tal-offerti huwa n-nuqqas ta' kapaċità ta' interkonnettur fiżiku. Pereżempju, il-konverġenza tal-prezzijiet hija kważi sħiħa bejn Spanja u l-Portugall, iżda ħafna aktar baxxa bejn Spanja u Franza. Ir-raġuni mhijiex l-eżistenza ta' ostakli tas-suq li jistgħu jirriżultaw f'kapaċità ta' interkonnettur li ma tkunx disponibbli għall-kummerċ, iżda kapaċità limitata ta' interkonnetturi. Il-Kummissjoni tinnotta li l-QEA tuża, fost l-oħrajn, il-volum ta' kummerċ transfruntier

<sup>5</sup>Ara s-sommarju eżekuttiv § 02, it-taqsimha dwar is-sejbiet tal-Qafas Regolatorju tal-UE, l-osservazzjonijiet § 51 u r-rakkomandazzjoni 1 tar-rapport tal-QEA.

<sup>6</sup>Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni (CACM), ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1719 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-allokazzjoni bil-quddiem tal-kapaċità (FCA), ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2195 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-ibbilanċjar tal-elettriku (EB) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485 li jistabbilixxi linja gwida dwar it-tħaddim tas-sistema ta' trażmissjoni (SO).

<sup>7</sup>Artikoli 14 sa 16

bħala indikaturi. Madankollu, fil-fehma tal-Kummissjoni, dak li huwa importanti mhuwiex l-ammont ta' kummerċ, iżda li l-kummerċ tal-elettriku jżid il-benesseri soċjali għall-klijenti Ewropej u li jiffaċilita l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

Il-koleġiżlaturi stabbilew il-proċess għall-adozzjoni ta' kodiċijiet tan-netwerk ġodda fir-Regolament (KE) Nru 714/2009. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni li jikkooperaw fl-ENTSO-E, entità stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 714/2009, jipproponu kodiċijiet ġodda tan-netwerk. Għalhekk, l-iżvilupp tal-kodiċijiet tan-netwerk ovvjament ħa ftit taż-żmien, peress li l-ewwel kellhom jitwaqqfu l-ENTSO-E u l-ACER. Filwaqt li l-ENTSO-E kien qed jaħdem fuq il-proposti għal kodiċijiet tan-netwerk vinkolanti, madankollu kien hemm proċess ta' implimentazzjoni parallel u volontarju mmexxi mill-ACER. B'hekk kien possibbli li jinkisbu xi wħud mill-benefiċċji ekonomiċi tal-integrazzjoni tas-suq, kif imsemmi mill-QEA<sup>8</sup> diġà qabel l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-netwerk u l-linji gwida.

Meta l-ENTSO-E ppreżenta l-proposti tiegħu għall-kodiċijiet tan-netwerk, irriżulta li fil-każ ta' erbgħa minnhom, il-livell ta' dettall u maturità ma kienx biżżejjed u li ma kienx se jkun possibbli li jiġu adottati bħala tali. Tqies ukoll li l-livell ta' dettalji tekniċi jkun tant kumpless u għoli (eż. b'regoli aktar dettaljati fil-livell pan-UE, iżda adattat ukoll għal reġjuni differenti fl-UE) li l-istabbiliment ta' regoli dettaljati bħal dawn ma jkunx xieraq għar-Regolamenti tal-Kummissjoni. Għalhekk, tqies li l-iżvilupp ta' tali dettalji tekniċi permezz ta' termini u kundizzjonijiet jew metodoloġiji (TCMs) stabbiliti fil-linji gwida dwar l-elettriku, soġġett għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji, kien alternattiva aktar effiċjenti. B'hekk, ir-regoli stabbiliti direttament fil-linji gwida diġà jistgħu jidħlu fis-seħħ u d-dewmien fl-iżvilupp ta' regoli dettaljati aktar kumplessi ma jdewwimx il-progress bl-adozzjoni ta' regoli oħra. Il-Kummissjoni tenfasizza li t-TCMs, bħall-kodiċijiet tan-netwerk u l-linji gwida, huma vinkolanti u bħad-Deċiżjonijiet tal-ACER jew id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri jistgħu u jeħtieġ li jiġu infurzati minn dawn tal-aħħar. L-approċċ li jiġu stabbiliti regoli tekniċi aktar dettaljati permezz tat-TCMs ġie kkonfermat mil-leġislatur (ara r-Regolamenti (UE) 2019/942 u 2019/943).

Fit-twettiq tal-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni qieset li l-adozzjoni f'waqtha tal-linji gwida tkun essenzjali għal aktar integrazzjoni tas-swieq tal-elettriku nazzjonali eżistenti. Is-swieq nazzjonali kellhom ċerti aspetti komuni (eż. l-użu tal-metodu tal-ipprezzar marġinali fis-swieq ta' ġurnata bil-quddiem), iżda wkoll l-ispeċifiċitajiet tagħhom stess. Il-linji gwida huma faċilitatur biex jinkiseb suq tal-elettriku tassew mifruq mal-Ewropa kollha, filwaqt li jqisu din ir-realtà u jibnu fuq il-ħidma preparatorja konsiderevoli mwettqa mill-ENTSO-E u l-ACER. Min-naħa l-oħra, jekk wieħed jipprova jfassal disinn "ideali" tas-suq tal-elettriku kważi mill-bidu nett mhux biss kien ifisser l-abbandun ta' dan ix-xogħol preparatorju, iżda kien ixekkel u jdewwem l-implimentazzjoni u b'hekk jirriżulta fi progress aktar bil-mod fl-integrazzjoni tas-suq. Id-disinn attwali tas-suq tal-elettriku rriżulta f'aktar għażla għall-konsumaturi u, għal snin, għen biex jiġu żgurati provvisti tal-elettriku affordabbli. Madankollu, il-kriżi tal-enerġija attwali tabilħaqq uriet ċerti dgħufijiet tal-qafas regolatorju u għalhekk il-Kummissjoni biħsiebha tivvaluta mill-ġdid ċerti regoli tal-UE li jirregolaw is-swieq bl-ingrossa tal-elettriku bil-ħsieb li tressaq proposta fl-2023.

## 2. L-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju

Is-sistema ta' governanza fundamentali li tinfed is-suq tal-elettriku tal-UE ġiet introdotta bit-tielet pakkett tas-suq intern tal-enerġija fl-2009:

- Operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni diżaggregati (TSOs u DSOs). Dan ifisser li l-operaturi tal-grilja tal-elettriku jistgħu jaġixxu mingħajr ma jiġu influwenzati minn interessi potenzjalment kunfliġġenti bħala ġeneraturi jew fornituri tal-elettriku. It-TSOs

<sup>8</sup> Ara s-sommarju eżekuttiv ta' § 39 u 42 tal-Osservazzjonijiet tar-rapport tal-QEA.

jikkooperaw fin-Netzwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku (ENTSO-E)<sup>9</sup>

- Awtoritajiet regolatorji indipendenti għall-enerġija fil-livell tal-Istati Membri li huma kkumplementati fil-livell tal-UE mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER).

Il-prerogattiva tal-ACER li tadotta deċiżjonijiet vinkolanti, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri għall-enerġija, hija essenzjali għall-integrazzjoni tas-swieq tal-elettriku. Id-deċiżjonijiet l-aktar sensitivi politikament ma jistgħux jiġu adottati mid-Direttur waħdu, iżda jeħtieġu l-approvazzjoni ta' 2/3 tal-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri rappreżentati fil-Bord tar-Regolaturi tal-ACER. Dan jillimita r-riskju ta' għadd żgħir ta' regolaturi li jipprevjenu lill-ACER milli tiegħu deċiżjonijiet vinkolanti. Din hija raġuni ewlenija għas-suċċessi miksuba s'issa bl-integrazzjoni tas-suq tal-elettriku: F'ħafna oqsma oħra ta' politika l-valur miżjud tal-integrazzjoni tal-UE jeħtieġ li jiġi segwit mill- "metodu miftuħ ta' koordinazzjoni"<sup>10</sup>, b'ħar-reqwiziti ta' rappurtar u l-pressjoni mill-pari. B'kuntrast ma' dan, is-swieq tal-elettriku tal-UE huma rregolati minn sett komprensiv ta' regoli vinkolanti fil-livell tal-UE. Dawk ir-regoli huma żviluppatti f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri, iżda mingħajr ma l-interessi nazzjonali individwali jkollhom setgħat ta' veto.

Din is-sistema ta' governanza ġiet ippruvata u ttestjata u, b'xi reviżjonijiet, ġiet ikkonfermata mid-Direttiva (UE) 2019/944 dwar l-Elettriku riformulata, ir-Regolament (UE) 2019/943 dwar l-Elettriku riformulat u tfassal mill-ġdid ir-Regolament (UE) 2019/942 tal-ACER kif ukoll emenda ffukata sussegwenti tal-linji gwida dwar l-elettriku<sup>11</sup>. Dawk ir-reviżjonijiet jinkludu:

- Regoli aktar preċiżi dwar id-dritt tal-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri li jimponu penali, jew li jipproponu li qorti kompetenti timponi tali penali, u b'hekk jissaħħu s-setgħat tagħhom li jinfurzar ir-regoli tal-UE, inklużi deċiżjonijiet mill-ACER.
- Ir-regoli dwar l-azzjoni ta' infurzar mill-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Membri, jekk ikun meħtieġ, bl-involviment tal-ACER, f'każ li l-ENTSO-E jew entitajiet oħra stabbiliti skont il-liġi tal-UE ma jikkonformawx mal-obbligi tagħhom.
- Is-simplifikazzjoni tal-proċess għall-iżvilupp tal-kodiċijiet tan-netwerk u l-linji gwida, kif ukoll it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont il-linji gwida, billi l-ACER tingħata d-dritt u d-dmir li tirrevedi, jekk ikun meħtieġ, il-proposti mressqa mill-ENTSO-E.

Skont l-Artikolu 45(1) tar-Regolament 2019/942 tal-ACER, sal-5 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni, bl-assistenza ta' espert estern indipendenti, għandha twettaq evalwazzjoni biex tivvaluta l-prestazzjoni tal-ACER b'rabta mal-obiettivi, mal-mandat u mal-kompiti tagħha. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk ir-rwol tal-ACER fis-sistema ta' governanza għall-kisba u l-iżgurar ta' swieq tal-elettriku integrati għadux adattat għall-iskop tiegħu. Madankollu, l-evalwazzjoni se tqis bir-reqqa l-impatti potenzjali fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli tal-UE, iżda wkoll fir-rigward tal-impatt finanzjarju. B'ħalissa l-awtoritajiet regolatorji jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ħidma tal-ACER. F'każ li l-ħidma li ssir mir-rappreżentanti tagħhom fl-4-il grupp ta' ħidma tal-ACER u fl-14 task forces tkun se tittieħed mill-persunal impjegat mill-ACER, l-ACER jista' jkollha bżonn riżorsi umani u finanzjarji addizzjonali sinifikanti.

<sup>9</sup>Ir-Regolament (UE) 2019/943 dwar l-Elettriku riformulat introduċa entità simili għad-DSOs mal-entità tal-UE għad-DSO.

<sup>10</sup><https://eur-lex.europa.eu/EN/legal-content/glossary/open-method-of-coordination.html>

<sup>11</sup>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/280 tat-22 ta' Frar 2021 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2015/1222, (UE) 2016/1719, (UE) 2017/2195 u (UE) 2017/1485 sabiex jiġu allinjati mar-Regolament (UE) 2019/943.

### 3. Implimentazzjoni tar-REMIT mill-ACER

Il-Kummissjoni hija konxja li l-ACER ma kellhiex riżorsi umani u finanzjarji għall-kompitu tagħha skont ir-REMIT<sup>12</sup>. Il-Kummissjoni wiegħbet b'żewġ modi:

1. Hija għamlet użu mill-għażla l-ġdida prevista mill-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2019/942 tal-ACER biex tintroduċi tariffi għall-kompiti tal-ACER skont ir-REMIT. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2152 tas-17 ta' Diċembru 2020 tipprovdi lill-ACER bid-dħul addizzjonali meħtieġ.
2. L-Opinjoni tal-Kummissjoni tal-5.10.2021 dwar l-abbozz tad-dokument ta' programmazzjoni tal-ACER għall-perjodu 2022–2024 u dwar is-suffiċjenza tar-riżorsi finanzjarji u umani disponibbli għall-Aġenzija kienet akkumpanjata minn Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva li tipprovdi lill-ACER bi 15-il kariga addizzjonali għall-implimentazzjoni tar-REMIT. Dawk il-karigi l-ġodda se jiddaħħlu gradwalment sal-2027, meta titqies l-isfida tar-reklutaġġ ta' persunal b'għarfien espert adegwat u l-isforz meħtieġ biex jittella' persunal ġdid fit-timijiet REMIT tal-ACER.

Mill-2022, l-ACER se tirċievi riżorsi umani addizzjonali li jammontaw għal 15 ekwivalenti ta' full-time fl-2027<sup>13</sup>. Madankollu, l-indirizzar tal-isfidi tal-implimentazzjoni kkwżati minn nuqqas ta' persunal jieħu ż-żmien, minħabba l-ħtieġa li jinstab u jiġi rekrutat persunal kwalifikat u, jekk ikun meħtieġ, li jiġi rekrutat persunal ġdid. Madankollu, il-Kummissjoni hija fiduċjuża li d-dħul mit-tariffi l-ġodda u l-15-il kariga addizzjonali se jippermettu lill-ACER twettaq b'mod adegwat il-kompiti tagħha skont ir-REMIT. L-għadd ta' karigi addizzjonali previst fl-Opinjoni tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-ammont ta' xogħol tal-aġenzija u s-suffiċjenza tar-riżorsi. Il-Kummissjoni tinnota li ż-żieda fil-karigi hija pass eċċezzjonali, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti ta' persunal stabbli fuq il-Kummissjoni u l-linja politika b'saħħitha li l-baġit tal-aġenziji (is-Sussidju annwali tal-UE u l-karigi fil-pjan ta' stabbiliment) jista' jiddedjati biss permezz ta' proposta leġiżlattiva biex jiġi estiż il-mandat tal-aġenzija.

Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza li kwalunkwe bidla regolatorja li twassal għal kompiti u ammont ta' xogħol addizzjonali għall-ACER, eż. relatata ma' titjib possibbli fil-qafas tar-REMIT biex tiddedjati it-trasparenza tas-suq, il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ kif ukoll sorveljanza aktar effiċjenti u effettiva ta' każijiet potenzjali ta' abbuż tas-suq fl-UE, tkun teħtieġ valutazzjoni xierqa tal-impatt fuq ir-riżorsi umani u finanzjarji tal-ACER.

## III. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR- RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-QEA

### Rakkomandazzjoni 1 — Is-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju

**Il-Kummissjoni għandha:**

- (a) Meta tiżviluppa kodiċijiet tan-netwerk u linji gwida, tivvaluta b'mod sistematiku l-kostijiet meta mqabbla mal-benefiċċji tal-istabbiliment tal-implimentazzjoni ulterjuri tagħhom**

<sup>12</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa.

<sup>13</sup> Opinjoni tal-Kummissjoni tal-5.10.2021 dwar l-abbozz tad-dokument ta' programmazzjoni tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija għall-perjodu 2022-2024 u dwar is-suffiċjenza tar-riżorsi finanzjarji u umani disponibbli għall-Aġenzija. COM(2021) 7024 final.



**permezz tal-adozzjoni ta' termini u kundizzjonijiet jew metodoloġiji, b'mod partikolari fid-dawl tal-piż amministrattiv li dawn jistgħu jinvolvu għall-ACER, il-NRAs u partijiet oħra involuti. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: mill-2023)**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 1(a).

- (b) Tivvaluta mill-ġdid ir-regoli tal-UE li jirregolaw il-formazzjoni tal-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa fid-dawl tal-kriżi attwali tal-enerġija u ż-żieda fl-enerġija rinnovabbli. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2023)**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 1(b).

Fl-2023, il-Kummissjoni qed tippjana reviżjoni mmirata tar-regoli ewlenin tas-suq intern tal-elettriku tal-UE sabiex il-konsumaturi jibbenefikaw minn provvisti sikuri u affordabbli ta' elettriku minn ġenerazzjoni rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-isfond tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija osservati fil-kuntest tal-kriżi attwali tal-enerġija.

- (c) Tistabilixxi regoli li jinċentivaw il-flessibbiltà tad-domanda. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2025)**

Il-Kummissjoni taċċetta r-Rakkomandazzjoni 1(c).

Sal-2025 se tipproponi Regolament tal-Kummissjoni għal kodiċi tan-netwerk jew linja gwida dwar ir-rispons għad-domanda.

## **Rakkomandazzjoni 2 – Tishiġ tal-qafas ta' monitoraġġ għal-linji gwida tan-netwerk**

- (a) Il-Kummissjoni u l-ACER għandhom jiċċaraw l-istrateġija fir-rigward tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-effetti tal-kodiċijiet tan-netwerk/linji gwida u japplikawha b'mod konsistenti matul iż-żmien u fl-Istati Membri kollha. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2023)**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 2a.

L-ACER tirrapporta regolarment lill-Kummissjoni permezz ta' mezzi differenti, mhux l-inqas permezz ta' kuntatti regolari informali u bilaterali fil-livell ta' ħidma. Il-Kummissjoni se tikkunsidra kif approċċ aktar formalizzat jista' jżid iċ-ċarezza fil-waqt li tipprova timminimizza l-impatt li xogħol addizzjonali ta' rappurtar aktar formalizzat jista' jkollu fuq ix-xogħol sostanzjali direttament rilevanti għall-implimentazzjoni tal-kodiċijiet tan-netwerk u l-linji gwida.

- (b) Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina d-dgħufijiet tal-pjattaforma ta' trasparenza u l-qafas tad-data dwar l-enerġija tal-UE, bl-appoġġ tal-ACER, u, jekk ikun meħtieġ, tadotta miżuri leġiżlattivi korrettivi. (Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2025)**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 2b.

It-tibdil tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2013 tal-14 ta' Ġunju 2013 dwar is-sottomissjoni u l-pubblikazzjoni ta' data fis-swieq tal-elettriku jirrikjedi l-adozzjoni ta' Att ta' Implimentazzjoni skont il-proċedura ta' eżami, bil-proċess jibda biss wara r-rieżami .

## **Rakkomandazzjoni 3 – Tishiġ tas-sorveljanza tal-ACER tal-integrità tas-swieq bl-ingrossa**

**(Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2025)**

Sabiex ittejjeb is-sorveljanza tas-swieq u tipprevjeni distorsjonijiet potenzjali tas-suq, l-ACER għandha timplimenta bis-siġir ir-regolament REMIT, pereżempju billi tlesti l-kopertura tad-data tas-sorveljanza tas-suq tar-REMIT, ittejjeb il-kopertura ta' mgħiba abbużiva li timmonitorja, u trawwem kooperazzjoni investigattiva transfruntiera billi tistabbilixxi gruppi investigattivi.

Il-Kummissjoni tosserva li din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-ACER.

## **Rakkomandazzjoni 4 – Tħaffif tal-użu tat-tariffi tar-REMIT biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fis-sorveljanza tas-suq tal-ACER**

**(Data mmirata għall-implimentazzjoni: sal-aħħar tal-2023)**

L-ACER għandha tħaffef l-użu ta' riżorsi finanzjarji addizzjonali li jaslu permezz tat-tariffi tar-REMIT biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fl-attivitajiet tagħha tar-REMIT (pereżempju, sistema tal-IT skaduta, nuqqas ta' persunal). L-ACER għandha ttejjeb il-monitoraġġ tal-ħtiġijiet tal-persunal bejn id-dipartimenti abbażi tal-prijoritajiet stabbiliti tagħha.

Il-Kummissjoni tosserva li din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-ACER.

## **Rakkomandazzjoni 5 – Tishiġ tal-governanza tal-ACER**

**(Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2025)**

Il-Kummissjoni għandha tevalwa u ttipproponi titjib fil-governanza tal-ACER billi ttejjeb l-indipendenza mill-ARN u mill-interessi nazzjonali, is-setgħat ta' infurzar, u l-għodod ta' konverġenza.

Il-Kummissjoni taċċetta parzjalment ir-rakkomandazzjoni 5 peress li ma tistax timpenja ruħha għal proposta leġiżlattiva qabel l-evalwazzjoni kif skedat mill-koleġiżlaturi. Skont l-Artikolu 45(1) tar-Regolament 2019/942 tal-ACER, sal-5 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni biex tivvaluta l-prestazzjoni tal-ACER b'rabta mal-obiettivi, mal-mandat u mal-kompiti tagħha. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni għandha tindirizza l-ħtieġa possibbli li jsiru modifiki fil-mandat tal-ACER u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-modifiki.

## **Rakkomandazzjoni 6 – Titjib tat-trasparenza u tal-obbligu ta' rendikont tal-ACER**

**(Data mmirata għall-implimentazzjoni: sal-2023)**

L-ACER għandha ttejjeb it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-ħidma tagħha billi tiffaċilita l-aċċess pubbliku għad-dokumenti u d-data li tinsab fuq is-sit web tagħha, tiżgura l-pubblikazzjoni sħiħa u f'waqtha tad-deċiżjonijiet u d-data tagħha f'konformità mar-rekwiżiti legali, u tintroduċi politika ta' trasparenza definita b'mod ċar ibbażata fuq l-aħjar prattiki.

Il-Kummissjoni tosserva li din ir-rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-ACER.

## **Rakkomandazzjoni 7 – Valutazzjoni tal-ħtieġa ta' qafas għall-applikazzjoni konsistenti tal-penali**

**(Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2023)**

**Sabiex titrawwem il-konformità mar-regoli tal-UE u jiġi evitat l-arbitraġġ regolatorju, il-Kummissjoni għandha:**

**(a) Tivvaluta jekk il-penali għall-ksur tar-regoli tal-UE humiex leġiżlati u applikati b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha.**

Il-Kummissjoni taċċetta parzjalment ir-rakkomandazzjoni 7(a).

L-azzjoni ta' infurzar b'mod ġenerali, u l-penali b'mod partikolari, jiddependu ħafna fuq ir-regoli u l-kultura amministrattiva nazzjonali. Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhomx l-għodod biex jinfurzaw ir-regoli tal-UE, u b'hekk jekk l-Istati Membri jitttrasponux b'mod korrett l-Artikolu 59(3)(d) tad-Direttiva 2019/944 dwar l-Elettriku.

**(b) Jekk ikun meħtieġ, jiġi żviluppat qafas li jistabbilixxi rekwiżiti minimi komuni għall-penali.**

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni 7 (b) parzjalment.

Mhuwiex fattibbli li jiġi żviluppat "qafas li jistabbilixxi rekwiżiti minimi komuni għall-penali" għall-penali kollha possibbli li r-regolaturi nazzjonali jistgħu jimponu minħabba l-ħafna każijiet ta' ksur possibbli tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar ir-regoli tas-suq intern tal-enerġija koperti mill-Artikolu 59(3)(d) tad-Direttiva dwar l-Elettriku. B'kuntrast ma' dan, għall-qasam aktar definit tar-REMIT, jista' jiġi kkunsidrat qafas aktar armonizzat għall-penali.